Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Mejju 2024**
**(OR. en)**

**8965/24**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0028(COD)**

**CODEC 1116**
**POLCOM 160**
**COEST 255**
**AGRI 350**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fil-31 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha lill-Kunsill[1], ibbażata fuq l-Artikolu 207(2) TFUE.

2. Fit-23 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[2]. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

[1] 5998/24.
[2] 8856/24.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:

– jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 59/24, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Polonja, s-Slovakkja u l-Ungerija jivvutaw kontra;

– jiddeċiedi li jippubblika d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-Addendum fis-Serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

5. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.